**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 40 – IL-ĠIMGĦA 18 TA' MEJJU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

### 1. KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦA NUMRU 37

1.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ippropona biex tinbidel is-sekwenza tax-xogħol li hemm fl-aġenda u l-Kunsill jibda' din il-laqgħa bil-korrispondenza.

1.2 Is-Sinjura Magda Magri Naudi ssekondat din il-proposta li ġiet approvata mill-Kunsilliera preżenti.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, ippropona biex tkun diskussa l-ittra ta' riżenja minn Kunsillier, tas-Sur Jeremy Anthony Dalli, għar-raġuni li meta jitbattal post ta' Kunsillier, il-Kunsill huwa obbligat bil-liġi biex jimxi skont il-proċedura tat-Taqsima II – Kostituzzjoni ta' Kunsilli Lokali Art. 9.

2.2 Din il-proposta ġiet sekondata mill-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u approvata mill-Kunsilliera preżenti unanimament.

2.3 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, kien ħa ħsieb biex jintbagħat avviż bil-miktub ta' din il-kariga vakanti lill-Ministru u lill-Kummisarju Elettorali Prinċipali fi żmien jumejn tax-xogħol wara li nħolqot il-*vacancy*.

2.4 Wara li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kummisarju Elettorali Prinċipali illi ebda kandidatura ma' ġiet ippreżentata għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb biex il-post jintela bl-għażla ta' Kunsillier skont l-Art. 8 (4) tal-Att.

2.5 Għar-raġuni li skont l-Art. 5 'Ordni tax-Xogħol' ittra C, biex jittratta xogħol espressivament meħtieġ mil-liġi, is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, wara li rrefera għal dan l-Artikolu, ippropona lis-Sur Massimo Scerri (I.D. Nru. 356571(M)) biex jinħatar Kunsillier bl-għażla.

2.6 Din il-proposta ġiet sekondata mill-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u ġiet approvata b'żewġ voti favur (Dr Ian Castaldi Paris u s-Sinjura Magda Magri Naudi) u astenzjoni waħda (Dr Marc Sant).

2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, għandu jieħu ħsieb jimxi skont il-proċeduri biex jinforma lill-Ministru u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali bid-deċizjoni tal-Kunsill.

## 3. DIKJARAZZJINI FINANZJARJA

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, ressaq quddiem il-Kunsill l-aġġustamenti tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja, kif kienu proposti mill-Awditur.

3.2 Il-Kunsill approva unanimament biex l-*Audit Financial Statement* kif approvati għandhom jintbagħtu lid-Direttur, National Audit Office.

## 4. ATTIVITAJIET KULTURALI

- **ĦARĠA ĠEWWA GĦAWDEX**

  a. Il-Kunsill approva li ssir ħarġa kulturali għar-residenti ta' Ħal Lija.

  b. Aktar dettalji fuq din l-attività se jiġu diskussi fil-laqgħat li ġejjin.

## 5. OFFERTI – ĠBIR TA' SKART GOFF U ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill dwar l-offerti msemmijin hawn fuq, li l-Kunsill kien irċieva nhar it-Tlieta 17 ta' April 2012.

5.2 Dawn l-offerti għandhom jiġu aġġudikati malajr kemm jista' jkun għar-raġuni li l-Kuntratt il-ġdid għandu jibda b'effet mill-1 ta' Lulju 2012.

## 6. SKEDA TA' ĦLASIJIET

6.1 Skeda ta' ħlasijiet numru 37 ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandhom jerġgħu jiltaqgħu biex jiddiskutu dawn l-offerti jekk ikun possibli nhar il-Ħamis 24 ta' Mejju 2012. Dan wara li s-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, insista biex għal din il-laqgħa jkun hemm il-possibilità biex il-Kunsilliera kollha jkunu preżenti. Fil-każ li dan ma jkunx possibli, il-Kunsilliera jkunu infurmati bit-tibdil ta' din id-data.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |